A.L. 101 ta' l-1993

ORDINANZA DWAR IL-PENSJONIJIET (KAP. 93)

Ordni ta' l-1993 dwar l-Impieg ma' *Malta International Airport Ltd.* għall-finijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8A ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "l-Ordinanza", il-President għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1993 dwar Impieg ma' *Malta International Airport Ltd.* għall-finijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet.

Tismija skond l-artikolu 8A ta' l-Ordinanza.

2. *Malta International Airport Ltd.* qegħda tiġi speċifikata bħala kumpannija li magħha uffiċjal jew impjegat li jtemm is-servizz mal-Gvern ikun jista' jieħu impieg tal-ħin kollu skond l-artikolu 8A ta' l-Ordinanza u għall-finijiet tiegħu.